# LIL ....

*(F'dik il-lejla meta telqet biex issir Soru)*

Rajtek jiena kemm-il darba
Ġewwa l-Knisja ta' Ħal-Lija:
Titlob b'ħeġġa, il-ħin kollu
B'wiċċek jixhed kull tjubija,

U niftakar meta f'darna,
Bla ħsieb ġejt, flimkien ma' ommok;
Kif ukoll ma' wħud minn ħutek
Bi tbissima safja f'fommok.

Iltqajt miegħek bosta drabi
Ġejja u sejra, b'ruħ ferħana,
Lejn id-dar, jew lejn il-Knisja,
Fit-triqat tar-raħal tagħna.

Imma il-lejla, kif qaluli,
'L ommi ġejt iżżur ħosbiena;
Issa tlaqt biex issir Soru
B'qalb ferħana u ruħ qalbiena.

Mur ja xbejba, mur ja warda,
Tieħu xejn mid-dinja miegħek:
Xerred fwieħa ta' qdusija;
Tinsa 'l ħadd fit-talb bnin tiegħek!

M. Agius
Villa Lija.